MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Numru. 388/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**KONTRA**

**RAYMOND AQUILINA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Raymond Aquilina ta' 44 sena, bin Joseph u Josephine nee' Sammut, mwieled Gharghur nhar it- 3 ta' April 1966, residenti Guzeppina, Triq il- Markiz J. Scicluna, Madliena, Swieqi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 164466(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, fil- 11 ta’ Dicembru 2003 b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi €2329.37 ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghaldaqstant setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-reat jirrisali ghal madwar seba’ snin ilu, u jittratta bejgh ta’ proprjeta’ immobbli tal-imputat, fejn ma kienx gie dikjarat il-prezz intier tat-trasferiment fl-atti tal-kuntratt. Dan hu kollu ammess fl-istqarrija tal-istess imputat, moghtija minnu fl-24 ta’ Lulju, 2009, quddiem l-Ispettur Angelo Gafa’. Inoltre, il-Qorti giet infurmata li fil-frattemp l-imputat kien hallas it-taxxa dovuta fuq id-differenza fil-prezz, u kien ukoll hallas il-multi relattivi lill-Awtoritajiet koncernati. Di fatti, ma hemmx il-htiega li jkun hemm ordni ghal hlas ta’ multa jew ta’ taxxa, peress illi dawn gia’ gew

saldati kif intqal qabel. Ghalhekk, fid-dawl tal-ammissjoni bikrija tal-imputat u tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hi tal-fehma li sanzjoni ai termini tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tkun adegwata bhala piena f’ dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------